Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Balzan

## Laqgħa Nru. 22

Data: 11 ta' Lulju 2016

Ħin: 2.30pm

Post: Fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

| | **Isem** | **Kariga** | **Inizjali** |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | ***Dr. Ian Spiteri –*** | ***Sindku*** | ***IS*** |
| | ***Andre Grech –*** | ***Viċi Sindku*** | ***AG*** |
| | ***Desmond Zammit Marmara –*** | ***Kunsillier*** | ***DZM*** |
| | ***Daniel Muscat-*** | ***Kunsillier*** | ***DM*** |
| | ***Joe Galea-*** | ***Kunsillier*** | ***JG*** |
| | **Mark Mallia–** | **Agent *Segretarju Eżekuttiv*** | ***MM*** |

Skużati:

Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajjma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;
6. Aġġornament.

**1 Qari u approvazzjoni ta' Minuti**

**1.1** Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Wieħed u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**1.2** Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2 Punti maqjma mill- Minuti**

**2.1** Il-Kunsillier DZM staqsa meta ser isir il-culling tal-ħamiem

**2.1.1** Il-Kunsillier JG infurmaħ li wara li din ġiet approvata fil-laqgħa ta' qabel, u l-Kunsill kien ġie nfurmat li ser issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju 2016. L-unika ħaġa li ma ġiex mgħarraf l-Kunsill kien il-ħin bejn l-4pm u d- 9pm.

**2.2** L-aġent Segretarju MM infurma lill-Kunsill li l-Bring in Sites fi Triq Wiġi Ebejer tneħħew.

**2.3** L-Aġent Segretarju MM infurma lill-Kunsill li l-Headmistress tal-iskola Primarja ta' Ħal Lija ġiet infurmata li għal din is-sena ser tingħata l-għajnuna imma mis-sena d-dieħla maħniex f'pożizzjoni li dan isir u għandha tikkuntattja lill-Ministeru tal-Edukazzjoni biex jgħinha.

**2.4** L-Aġent Segretarju MM infurma lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal parking bays fi Triq it-Tabib J. Zammit saret ma' TM.

**3. Komunikazzjoni tas-Sindku**

**3.1** Is-Sindku IS għal raġuni li wara l-laqgħa ser isiru l-interviews tas- SE ma ħax ħafna ħin minn tiegħu u tkellem fuq kif ser isir il-format tal-interviews.

**3.2** Is-Sindku IS qal li avvicinawh tlett residenti li joqgħodu fil-parti t'isfel ta' Triq Il- Kbira fejn kienu talbu direttament lill-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura f'Novembru tal-2014 u anke saret petizzjoni biex isiru aktar culverts fi Pjazza Bertu Fenech. Sadanittant il-Ministeru kiteb lill-Kunsill u talab il-kummenti tagħna. Issa kif jaf kulħadd, il-proġett tat-tisbieħ tal-pjazza sar parti minnu minn fondi tal-Ewropa u fuqu hemm garanzija ta' 5 snin u dan ma jistax jintmess. Is-Sindku kompla qal li hemm żewġ affarijiet li jridu jiġu ċċarati, waħda jekk il-problema tad-drenaġġ u l-ilma huwiex kawża tal-proġett għaliex jista' jkun li qed tiġi kkawzata minn x'imkien ieħor u l-oħra kif ser nindirizzaw din il-problema.

**3.2.1** Il-Viċi Sindku bħala Project Leader tal-proġett ERDF 205 ser jieħu f'idejħ din it-talba li saret mill-Ministeru u jindirizzha.

**5. <u>Komunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>**

**5.1** Il-Kunsillier DZM qal li avviċinatu persuna li toqgħod fi Triq Idmejda li parti mill-bankina ta' quddiem id-dar tagħha qed iżomm l-ilma. Il-Kunsillier JG ser jindirizza l-problema.

**5.2** Il-Kunsillier DZM qal li saritlu talba għal scaffoding fi Triq Birbal quddiem il-Papillon Flats. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

**5.3** Il-Kunsillier DZM indirizza l-problema tal-Posta li telqet minn Ħal Balzan u dan huwa ta' detriment għar-residenti. Huwa staqsa jekk jistax isir xi ħaġa. Is-Sindku IS qal li diġa tkellem mal-posta fejn qalulu li jekk jinstab xi post ġewwa Ħal Balzan, huma lesti jikkunsidrawha.

**5.4** Il-Kunsillier DZM staqsa jekk kienx hemm xi risposta mill-Hospice fuq xogħolijiet li qed jibdew minn kmieni filgħodu. Is-Sindku IS irrisponda fin-negattiv.

**5.5** Il-Kunsillier DZM staqsa jekk kienx hemm enforcement mill-wardens fuq parking fuq il-bankina fi Triq il-Wied. Is- SE infurmah li l-wardens ġew avżati biex jinfurzaw.

**5.6** Il-Kunsillier DZM qal li jidher li f'Wesgħa Profs Aquilina qed ikun hemm xi karozzi ta' xi dealer ipparkjati f'din it-triq pero s-SE infurmaħ li la darba il-karozzi għandhom liċenzja valida ma tistax tittieħed azzjoni mill-pulizija.

**5.7** Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li kellu diskussjoni mal-PPCD fir-rigward tal-Heritage Map biex tittella' fuq il-website tal-Kunsill.

**5.8** Il-Kunsillier JG infurma lill-Kunsill li l-isprallijiet fi Triq il-Wied iridu jinbnew mill-ġdid. Iridu jintalbu xi kwotazzjonijiet għal dawn ix-xogħolijiet.

**5.9.** Il-Kunsillier JG infurma lill-Kunsill li l-pots li jinsabu fi Triq B. Bontadini ser jnbidlu.

**5.10** Il-Kunsillier JG intalab mis-Sindku biex l-ELC isaqqu Ġnien A. Stellini.

**5.11** Il-Kunsillier DM qal li avviċinatu sid ta' gabbana li jarmaw fil-festa biex għas-sena d-dieħla tiċċaqlaq minn postha minħabba n-nar. Il-Kunsiller JG ser jara li għas-sena d-dieħla isir restructuring sħiħ.

**5.12** Il-Kunsillier DM qal li fil-ġimgħa tal-festa kien hemm xi armar ta' high up biex isiru xi xogħolijiet privati mingħajr permess u għandna naraw li din ma terġax ssir is-sena d-dieħla. Is-SE ikkonferma li l-policy tal-Kunsill li ġimgħatejn qabel u ġimgħa wara l-festa ma joħorġux permessi ta' high ups u krejns fejn hemm l-armar, għadha fis-seħħ.

**5.13** Il-Kunsillier DM f'isem is-Soċjeta' Filarmonika Annunzjata irringrazzja lill-Kunsill tal-attendenza tagħhom l-attivita' li saret il-każin.

## 6. <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>

**6.1** Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju 2016 fis-4.30pm

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data